REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 65/2013

tal-24 ta' Jannar 2013

li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 li jipprovdi regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43, punt j) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 [2] jistipula fil-parti A ta-Anness III tiegħu, li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni f'dak li jikkonċerna ż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-ikel għal kumpaniji differenti ta' kummerċjalizzazzjoni u jistabbilixxu l-iskadenzi għall-għoti ta' tali informazzjoni. Huwa jistabbilixxi wkoll ir-regoli komuni fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(2) Fl-interess ta' monitoraġġ aħjar tas-sitwazzjoni tas-suq u fid-dawl tal-esperjenza miksuba f'dan il-qasam, ċerti obbligi tal-komunikazzjoni tal-Istati Membri previsti fil-parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandhom jiġu ssimplifikati, preskritti, miżjuda jew imħassra.

(3) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiżdied obbligu dwar il-komunikazzjoni tal-użu totali taż-żejt taż-żebbuga u tal-ħażniet miżmuma fl-aħħar tas-sena u li jitħassar l-obbligu dwar l-informazzjoni fir-rigward taż-żebbuġ tal-ikel.

(4) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-Taqsima A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 826/2008 hija emendata kif ġej:

1. Il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) Qabel il-15 ta' Settembru, l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni, għas-sena tas-suq preċedenti, dwar il-produzzjoni definittiva u l-konsum intern totali taż-żejt taż-żebbuġa kif ukoll dwar il-ħażniet li jkun baqa' fl-aħħar tas-sena.

Qabel il-15 ta' Ottubru u qabel il-15 ta' April, huma jipprovdu lill-Kummissjoni, għas-sena tas-suq attwali, stima tal-produzzjoni totali taż-żejt taż-żebbuġa kif ukoll stima tal-konsum intern u tal-ħażniet li jkun baqa' fl-aħħar tas-sena."

2. Il-punt c) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(c) Minn Settembru sa Mejju ta' kull kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' kull xahar, stima xahar b'xahar taż-żejt taż-żebbuġa prodott minn meta tkun bdiet il-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata sax-xahar preċedenti, b'dak ix-xahar inkluż."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3.